MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2007

Numru 335/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Simon Galea)**

**vs**

**Wilfred Privitera**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Wilfred Privitera 51 sena, imwieled Sliema fl-4 ta’ Jannar 1953, iben Salvino u Caroline xebba Vassallo, joqghod “Kajjarum” Triq Wied id-Dis Madliena Swieqi u bin-numru tal-karta ta’ l-identita 49953M gie akkuzat talli:

F’dawn il-gzejjer fil-perjodu ta’ bejn Marzu 1999 u April 2001 b’diversi azzjonijiet maghmulin minnu fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda bhala ditentur tal-fond “Kajjarun” Wied id-Dies Madliena Swieqi jew bhala persuna illi kellu f’idejh l-imsemmi fond b’mezzi qarrieqa kkommetta serq ta’ kurrent eletriku minn arlogg tad-dawl li jinsab fl-imsemmi fond liema serq jammonta ghal aktar minn elf lira maltin ghad-dannu tac-Chairman Enemalta Corporation liema serq hu aggravat bil-hin, valur u mezz.

W aktar talli fl-istess zmien ghamel hsara volontarja fil-makinarju jew gumni tal-elettriku jew ikkaguna telf ta’ kurrent elettriku

W aktar talli fl-istess zmien ghamel hsara jew kisser xi parti minn xi apparat jew gumni wzati fil-provista tal-elettriku jew sigilli taghhom.

Il-Qorti giet mitluba illi f’kaz ta’ htija tapplika l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali u dan illi l-hati jhallas l-ispejjes ta’ l-esperti mahturin mill-Qorti skond il-Kodici Kriminali

Semghet provi.

Rat l-atti kollha u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok SG3 u nnutat li l-imputat m’ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet trattazzjoni mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-Prosekuzzjoni akkuzat lill-imputat talli huwa kkommetta serq ta’ kurrent elettriku, minn arlogg tad-dawl li jinsab gewwa fond “Kajjarum” Wied id-Dies Madliena Swieqi tul il-perjodu bejn Marzu 1999 u April 2001 u ukoll talli fl-istess zmien ghamel hsara volontarja fil-makinarju jew gumni tal-elettriku jew ikkaguna telf ta’ kurrent

elettriku u ukoll talli fl-istess zmien ghamel hsara jew kisser xi parti minn xi apparat jew gumni.

Illi fl-ewwel lok taghmel referenza ghal konkluzzjonijiet li wasal ghalihom il-Perit Tekniku Horace J. Anastasi fir-Relazzjoni tieghu Dok HJA1 liema Relazzjoni tifforma parti mill-Process Verbal esebit bhala Dok CA1.

Tali konkluzzjonijiet huma:

“Illi Wilfred Privitera huwa responsabbli mill-imsemmi Arlogg tad-Dawl.

Illi d-danni tal-hsarat fl-imsemmi Arlogg jammontaw ghal xi hamsa u ghoxrin lira Maltin---Lm25.

Illi l-valur ta’ xi serq ta’ Kurrent Elettriku ghad mhux maghruf.

Illi nqalghu s-Sigilli l-Homor ta’ ma’ l-Arlogg sabiex intbaghbset id-Diska biex b’hekk jonqos il-Konsum ta’ l-Elettriku li suppost intuza”.

Taghmel ukoll, referenza ghat-Traskrizzjoni tad-Deposizzjoni li taha l-imputat quddiem il-Perit Tekniku fis-Seduta tat-18 ta’ Ottubru, 2001 u li tinsab inserita fir-Relazzjoni tal-imsemmi Perit Tekniku (Dok HJA1) fejn l-imputat bil-gurment qal:

“Qed nitwissa mill-Espert Tekniku Horace J. Anastasi, fil-presenza ta’ Harry Buttigieg mill-Korporazzjoni Enemalta, li nista’ ma nwiegeb ghal ebda mistoqsija li ser issirli u jekk naghzel li nwiegeb jitnizzel kollox bil-miktub.

F’dana l-Fond noqghodu jien, marti Mariella u uliedi William ta’ 19 il-sena u Chiara ta’ 18 il-sena.

Dan il-Fond ilu ghandi mill-1983.

Illum, ghal xi s-2:35 ta’ wara nofsinhar gew dawn iz-zewg membri mill-Korporazzjoni Enemalta sabiex jibdlu l-Arlogg tad-Dawl ghal 3 Phase 4 Wire.

F’dak il-hin marti biss kienet hawn.

L-Arlogg tad-Dawl qieghed fil-Garaxx kif tidhol fuq il-Lemin.

L-Arlogg hu tal-Marka ‘Krizik’, bin-Numru tas-Serje 3805867 u li kien jaqra 46655.

Marti qaltli li dawn sabu u wrewha – li kif wasalt ghidtu u wrejtu lili – li nstab Sigill Celesti bin-Numru 142131, maqsum, fuq l-istess Arlogg.

Is-Sigill Celesti li nstab fuq l-Arlogg qalu li suppost kien jissigilla l-Ghata ta’ taht l-Arlogg tad-Dawl.

Qalu u wrewna li mal-Bazi tan-naha ta’ fuq, fuq gewwa ta’ l-Arlogg u fuq  u taht id-diska ta’ l-istess Arlogg jidhru xi Brix.

Jien responsabbli ta’ l-imsemmi Arlogg.

Il-Familja tieghi lanqas biss jersqu lejh.

Jien la baghbast, la gieghelt u lanqas rajt lil min ibaghbsu.

F’Lulju ta’ l-1999 jien bdejt nistalla dawl mill-gdid.

Minn Lulju 1999, sa Novembru 2000, ahna konna qed nghixu f’San Giljan.

Ergajna bdejna nghixu hawn f’Novembru 2000.

Fiz-zmien li ma konniex noqghodu hawn kienu serquna u m’ghamilniex rapport lill-pulizija.”

F’dan l-istadju issir referenza ghall-Okkorrenza esebita bhala Dok. ACP1 (Report Date: 18/10/2001) u precizament ghas-segwenti bran minn din l-Okkorrenza: “Mr Privitera was spoken to by PS 1131 J. Camilleri and stated that due to the fact he made an extension to his residence he applied with Enemalta for 3 Phase and

today Enemalta personell came to change the electricity metre and he was told with the above mentioned tempering. He furthur stated that due to the construction which took place at his residence he was away for about 18 months living in St. Julians. Privitera added that he never tempered with the above mentioned metre and that he knew nothing regarding the mentioned tempering."

Issir ukoll referenza ghall-bran mid-deposizzjoni ta' Anthony Darmanin moghtija fis-Seduta tas-26 ta' Jannar, 2005 fejn dan ix-xhud, inter alia, qal: "Nghid illi jiena nahdem bhala assistant tradesman fil-Korporazzjoni EneMalta" "………………" "Nghid illi ahna meta gejna biex nibdlu l-meter sibna li kien is-sigilli l-homor tal-meter li kienu maqtughin u nghid illi kienu neqsin. Nghid illi s-sigill blue kien maqtugh u kien qieghed merfugh fuq il-meter. Nghid imbaghad wara fil-presenza ta' l-espert tal-Qorti ftahna l-meter u sibna li d-disk tal-meter kien naqra migruf." (Sottolinjar tal-Qorti).

In kontro-ezami l-istess xhud fl-istess Seduta, inter alia, qal: "Nixtieq nghid illi rigwardanti l-oggett illi kien setgha kien qed iwaqqaf dan id-disk ahna ma sibniex. Nghid illi r-rotating disk ahna sibnih idur. Nghid ahna konna morna fuq il-post fuq talba ta' l-owner biex il-meter jinbidel minn wiehed zghir ghal wiehed three face." (Sottolinjar tal-Qorti).

Hawn il-Qorti taghmel referenza ghal brani mid-deposizzjoni tal-imputat Wilfred Privitera moghtija fis-Seduta tal-25 ta' Settembru, 2006 fejn l-imputat, inter alia, qal: "…………………" "Nghid illi fil-perjodu ta' bejn Lulju ta' l-1999 sa Novembru tas-sena 2000 jien ma kontx qieghed noqghod fir-residenza Kayarun, Triq Wied id-Dies, Madliena Swieqi. Nghid illi fil-fatt dak il-perjodu dik id-dar kienet f'sitwazzjoni li tigi meqjusa bhala building site minhabba li kienu qehdin isiru xi alterazzjonijiet kbar." "…………………." "Jien bil-gurament tieghi nikkonferma li jien la ghamilt serq ta' kurrent elettriku, la baghbast il-meters u lanqas ghamilt hsarat fuq il-meters u dan qed nghidu b'referenza ghall-akkuzi migjuba kontra tieghi.

Nixtieq nispjega li l-meter fir-residenza msemmija fl-ewwel akkuza dan il-meter kien qieghed gewwa l-garaxx u meta kien hemm il-haddiema qeghdin jahdmu dawn kellhom acess ghal dan il-garaxx, fil-fatt kienu jaghmlu l-ghodod fih u konsegwentement il-meter kien ukoll accessibbli ghal dawn il-haddiema.  Fil-fatt nghid illi f'okkazzjoni minnhom kelli ukoll flood f'dan il-garaxx."

In kontro-ezami l-imputat fl-istess Seduta, inter alia, qal: "…………………." "Jien nghid illi dan l-inkarigu ghall-alterazzjonijiet fid-dar fil-fatt kien project management, jien prattikament  lanqas kont nersaq l'hemmhekk, kelli n-nies apposta li kellhom ir-responsabbilitajiet biex jaraw illi jsiru dawn ix-xogholijiet.  Bhala persuna registrata fuq il-fond tal-meter bqajt jien pero' nghid illi safejn naf jien anke l-elettriku kien gie maqtugh ghaliex kien hemm it-tibdil tal-wiring u s-sistema elettrika tad-dar.  Nghid illi fil-perjodu li jien ma kontx noqghod id-dar kont nircievi kontijiet fuq din id-dar.  Jidhirli pero' li dawn kienu biss charge tal-meter u dan in kwantu ghall-elettriku ."

F'dan l-istadju l-Qorti taghmel referenza ghar-Ri Ezami tax-xhud Saviour Decelis li sar fis-Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2006 fejn dan ix-xhud qal: <u>"Nixtieq nghid illi stante minn records tal-imputat fuq dan il-kaz kienu jindikaw anke li kien hemm nuqqas ta' konsum tal-ilma dana juri element ta' gustifikazzjoni ghal dak li kien qed jallega l-imputat.</u>  Qieghed nesebixxi vera kopja ta' recordings <u>li minnhom jirrizulta illi kien hemm nuqqas ta' konsum tal-ilma.  Dana n-nuqqas irrifletta kemm fl-ilma u fid-dawl.</u>  Dan id-dokument qieghed nesebih bhala dok. DSJ1." (Sottolinjar tal-Qorti).

Illi s-sub-artikolu 264(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment: "Fil-kaz ta' ksur ta' kanni tas-servizz pubbliku ta' l-ilma jew tas-servizz tal-gass, jew ta' fili jew gumni tas-servizz elettriku, jew tal-meters taghhom, jew ta' xi sigill ta' xi meter, jew fil-kaz ta' l-ezistenza ta' mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista' jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan l-ilma, gass, jew kurrent elettriku, jew li bihom jista', jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-meter tal-kwantita' mehuda jew ikkunsmata, jitqies, sakemm ma

jigix ippruvat il-kuntrarju, bhala prova illi d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha l-fond fejn ikunu jinsabu dawk il-ksur jew il-mezzi qarrieqa, jaf jew taf b'dan l-uzu jew konsum ta' ilma, gass jew kurrent elettriku, skond ma jkun il-kaz."

Fid-dawl tal-kontenut ta' tali sub-artikolu abbinat mal-fatt li jirrizulta mill-provi tal-Prosekuzzjoni li sar ksur ta' sigilli u inoltre li d-disk tal meter "kien naqra migruf". – (Ara deposizzjoni ta' Anthony Darmanin fol. 32 tal-Process, Seduta tas-26 ta' Jannar, 2005) u li skond l-imputat (fol. 62, Seduta tal-25 ta' Settembru, 2006) dan jghid: "………lili kien urieni diska ta' meter u kienet tidher li kienet qisha ponta jew girfa zghira fuq id-disk tal-meter," dan johloq prezunzjoni juris tantum li l-imputat Wilfred Privitera kien jaf li kien qieghed isir konsum illegittimu ta' kurrent elettriku. Naturalment irid jirrizulta mill-provi li fil-fatt kien qieghed isir tali konsum illegittimu.

Issa fil-kaz de quo l-imputat dejjem cahad b'mod kategoriku li hu ghamel dak li bih qieghed jigi akkuzat. Inoltre l-Qorti tirrimarka li kien l-imputat stess li talab il-bdil tal-meter u tenut kont il-fatt li meta l-impjegati marru biex jibdlu l-meter sabu illi s-sigill blue kien maqtugh u kien qieghed merfugh fuq il-meter, persuna trid tkun, a dir il meno, pjuttost ingenwa li titlob li jibdlulha l-meter u thalli s-sigill maqtugh merfugh fuq il-meter!

Inoltre l-imputat ipprova b'mod sodisfacenti li ghal perjodu bejn Lulju 1999 sa 17 ta' Novembru 2000 l-imputat ma kienx qed joqghod fir-residenza tal-Madliena, Swieqi. Ic-cirkostanzi kif deskritti mill-imputat juri li l-imputat f'dak il-perjodu ma kellux kontroll effettiv tal-fond tal-Madliena, Swieqi.

Issir ukoll referenza ghal dak li qal Saviour Decelis in Ri Ezami (Seduta tal-11 ta' Dicembru 2006) u riportat aktar qabel f'din is-Sentenza fejn essenzjalment dan ix-xhud, li fil-passat kien, inter alia, persuna responsabbli fid-Dipartiment tal-Enemalta rigwardanti serq ta' l-Elettriku, iddikjara li stante minn records tal-imputat fuq dan il-kaz kienu jindikaw anke li kien hemm nuqqas ta' konsum tal-

ilma dana kien juri element ta' gustifikazzjoni ghal dak li kien qed jallega l-imputat. Inoltre dan ix-xhud esebixxa vera kopja ta' readings li minnhom skond l-istess xhud jirrizulta illi kien hemm nuqqas ta' konsum tal-ilma (Ara dok. DSJ1). L-istess xhud qal ukoll li dana n-nuqqas irrifletta kemm fl-ilma u fid-dawl.

Fid-dawl tas-suespost il-Qorti hi tal-fehma li l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Wilfred Privitera ma gewx sufficjentement ippruvati u ghaldaqstant issib lill-imsemmi imputat Wilfred Privitera mhux hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u minnhom tilliberah.

Finalment peress li l-Qorti lliberat lill-imputat mill-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni maghmula ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------